**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten',** 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Seduta** 14/10 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008
**Data** 21/10/2010 fis-7.35pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

| | | |
|---|---|---|
| **Attendenza** | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | Camilleri Claude | Preżenti |
| | Darmanin Richard | Preżenti fit-8.15pm (Huwa daħal għal-laqgħa, ħallas €0.20 tal-posta tal-agenda u l-minuti), ħareġ mill-ewwel u ma rritornax) |
| | Fenech Stephanie | Preżenti |
| | Hales Joseph | Assenti minħabba xogħol |
| | Pace Darrell | Assenti minħabba xogħol |
| | Seychell Anthony | Preżenti |
| | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti sat-8.10pm |

| | |
|---|---|
| **Preżenti wkoll** | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon |
| | Assistant Prinċipal Caroline Schembri |

| | | |
|---|---|---|
| **14. S.** | **Sospensjoni ta' l-Agenda** | |
| 14. S. 1 | Sindku: Kanċellazzjoni tal-laqgħa 14 ta' Ottubru | Is-Sindku spjega li l-laqgħa tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ottubru ma saritx peress li l-Kunsillier Darmanin ilmenta li ma rċeviex l-agenda fiż-żmien stipulat mil-liġi. Ladarba l-agenda ma kinetx waslet għand Darmanin permezz ta' l-email, il-laqgħa ġiet posposta għall-21 t'Ottubru. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li minn issa 'l quddiem l-agenda u l-minuti ser jibdew jintbagħtu permezz ta' l-email biss, kif obbligati bl-istess liġi. Kunsilliera li jkunu jixtiequ kopja tal-minuti, jistgħu jiġbruha mill-Kunsill Lokali. |
| 14. S. 2 | Sindku: Avviż ta' Mozzjoni b'urgenza | Is-Sindku talab sospensjoni ta' l-agenda u kien hemm qbil unanimu li jinqara avviż ta' mozzjoni b'urgenza minħabba ittra ta' protesta li rċevejna mill-Clean Away Service Ltd. dwar il-kuntratt ta' ġbir ta' skart. |
| 14. S. 3 | | Is-Sindku informa lill-Kunsill li kif kien ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti għadda d-dokumentazzjoni kollha tat-tender tal-ġbir ta' l-iskart lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. |
| 14. S. 4 | | Inqrat l-ittra tal-Clean Away Service Ltd. iffirmata minn Michael Darmanin li għaddiet ukoll għall-attenzjoni tas-Sur Martin Bugelli, fejn din tgħid li l-Kunsill Lokali Isla ma għażilx il-prezzijiet tal-kuntrattur Ronald Bezzina peress li fuq parir tal-GRTU, dawn ma jifdux it-tender minħabba l-pagi tal-ħaddiema, il-prezz tal-fuel etc. Clean Away żied ukoll li kien ser imexxi kontra l-Kunsill bi proċeduri oħra. |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 14. S. 5 | | | Min-naħa tiegħu s-Sur Bugelli irrisponda bit-telefon li deċiżjoni li jagħmel Kunsill ma torbotx Kunsill ieħor. Permezz ta' email irrisponda "Sakemm il-Kunsill jimxi mal-proċeduri kif suppost, il-proċess għandu jitkompla." | |
| 14. S. 6 | | | Sabiex kif elenka s-Sur Bugelli nimxu mal-proċeduri, il-Kunsill ma setax jinjora l-ittra ta' protest tal-Clean Away speċjalment fejn qal li ser jittieħdu proċeduri kontra l-Kunsill. | |
| 14. S. 7 | | | **Il-Kunsill qabel li nimxu mad-deċiżjoni li ttieħdet fil-laqgħa ta' 30 ta' Settembru dwar Zona A billi l-orħas offerta ta' Ronald Bezzina għall-prezz ta' €210 kull jum, kienet rata li l-Kunsill ħass li kienet sostenibbli, meta ħa inkunsiderazzjoni s-servizz ta' emergenza li qed jiswa lill-Kunsill €233 kull jum. Id-differenza hija minima. Għaldaqstant il-Kunsill għażel l-offerta tas-Sur Ronald Bezzina**. Wille Piscopo innutat ukoll li fil-laqgħa preċedenti kunsilliera li kienu preżenti qalu li l-prezzijiet ta' Bezzina kienu irħas minħabba li dan hu family run business. | |
| 14. S. 8 | | | Dwar żona B seta' kien hemm dubju dwar s-sostenibilta' ta' l-offerta ta' Ronald Bezzina. **Minħabba f'hekk u biex inkunu f'pożizzjoni aktar żgura f'każ ta' proċeduri legali, l-Kunsill fuq proposta tas-Sindku, sekondata minn Camilleri u l-Viċi-Sindku, qabel li nieħdu l-parir ta' espert.** Għalhekk il-proċeduri dwar l-offerta għal żona B jistennew sakemm ikollna dan il-parir. | |
| 14. S. 9 | | | Il-Viċi-Sindku irrimarkat li jekk l-bins on wheels jitneħħew, ser jinħoloq rebus. Camilleri qabel. Ir-reazzjoni tar-residenti kienet kontra li jitneħħew. Seychell u Wille Piscopo qalu li l-bins on wheels kienu qed iservu għall-abbuż | |
| 14. S. 10 | | | Wille Piscopo semmiet il-problema ta' skart tal-ħwienet f'Misraħ Girgor Bonici filwaqt li Fenech semmiet il-problema ta' kaxxi fi Triq l-Isqof Emm. Galea. | |

## 14. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 14. 1. 1 | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Camilleri | **Il-Minuti 13/10 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet.** | |
| | 13.9.4 | It-tiltu ried jiġi 'Tumbata fi Triq Xandru Farrugia' minflok 'Tumbata fi Triq John Borg'. | | |
| 14. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

## 14. 2. Rapporti mill-Minuti

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 14. | 2. | 1 | 13.2.1 | Viċi-Sindku: Xogħol fil-komunita' | Il-Viċi-Sindku għarrfet lill-Kunsill li l-Qorti direttament assenjat persuna sabiex tagħmel 100 siegħa xogħol fil-komunita'. Uffiċjalment is-Sinjura Joan Agius ġiet meqjusa bħala s-supervisor ta' din il-persuna. Il-probation officers ġew il-Kunsill sabiex jġi ffirmat il-ftehim biss. Ċertu xogħol ta' rapporti etc qed jiġu mħejjija mill-Viċi-Sindku kif ġie irrapurtat fil-laqgħat preċedenti. Is-Sindku qal li s-sistema mhux qed taħdem sew u **l-Kunsill qabel li ma jaċċettax dawn il-kundizzjonijiet.** | Sindku Viċi-Sindku |
| 14. | 2. | 2 | 13.2.2 | Viċi-Sindku: PRO Europe Congress Green Dot: Green Economy in Action | Il-Viċi-Sindku irrapurtat il-kungress li għalih attendiet ġewwa Brussell dwar l-iskart u l-ambjent. Hija ħassitha onorata meta ssemma' l-isem Żejtun u l-progress li għamilna fil-ġbir ta' skart separat f'kungress daqshekk prestiġjuż. | Viċi-Sindku |
| 14. | 2. | 3 | 13.2.3 | Fenech: Laqgħa Istitut Paolo Frere | Fenech spjegat lill-Kunsill li hi kienet diġa' ltaqgħet ma' Fr Vince sabiex tiddiksuti l-proġett ta' l-ETC. Min-naħa l-oħra s-Sindku kien talab laqgħa ma' Fr Vince sabiex il-Kunsill ikollu feedback ta' dak li qed jiġri. | Fenech Camilleri |
| 14. | 2. | 4 | 13.2.5 | Viċi-Sindku: Laqgħa Żejt Żejtun 2010 | Il-Viċi-Sindku tat rapport tal-laqgħa li saret fl-10 ta' Ottubru dwar l-attivita' Żejt iż-Żejtun. Il-laqgħa kienet suċċess bl-attendenza ta' ħafna parteċipanti li wrew l-apprezzament tagħhom u diġa' jidher li hemm entużjażmu għall-attivita' Żejt iż-Żejtun 2011. | Sindku Viċi-Sindku |
| 14. | 2. | 5 | 13.2.8 | Fenech: Skema FES | Fenech infurmat lill-Kunsill li għad baqa' ċans sabiex il-Kunsill japplika għal skema ta' l-FES fejn ikollu persuna li tagħmel ċertu xogħol. Is-Segretarjat spjega li l-persuna li qed tieħu ħsieb din l-iskema se tkun lura l-uffiċċju fl-1 ta' Novembru. | Segretarjat |
| 14. | 2. | 6 | 13.2.10 | Fenech: Boards | Fenech talbet sabiex il-boards li hemm fil-barumbara jiġu trasferiti għal gym fi Ġnien San Girgor. **Din it-talba ġiet milqugħa.** | Segretarjat |
| 14. | 2. | 7 | 13.2.11 | Fenech: Attivita' - Horse Riding | Fenech infurmat lill-Kunsill li l-attivita' ta' horse riding li kellha issir il-Ħadd 10 ta' Ottubru tħassret iżda minflok saret ħarġa għal bay street u l-bowling. | Fenech |
| 14. | 2. | 8 | 13.2.12 | Fenech: Tpenġija mal-ħajt f'San Girgor | Fenech għamlet kuntatt mal-kulleġġ Mcast tan-Naxxar fejn ġiet infurmata li dan il-proġett ser jiddaħħal fis-semestru Jannar-Marzu peress li preżentement l-istudenti diġa' ġew assenjati proġetti oħra. **Il-Kunsill qabel li l-materjal li ser ikollhom bżonn l-istudenti jinxtara mill-fondi tal-Kunsill.** Fenech talbet il-qisien tal-pumproom sabiex tkun tista' tgħaddihom lill-istudenti. | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 14. | 2. | 9 | 13.2.13 | Viċi-Sindku: Ħajt perikoluż mal-ħajt tal-Knisja Madonna tal-Ħniena | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar il-passi li se jieħu l-Kunsill minħabba l-ħajt perikoluż ħdejn il-Knisja tal-Madonna tal-Hniena. Is-Segretarju spjega li hu tkellem wiċċ imb'wiċċ mal-Arċipriet fejn dan qal li ser ikellem lill-Perit. Seychell ġie infurmat minn residenti tal-viċin li l-bouganvilla li hemm ma' l-istess ħajt qed tagħmel ħsara lill-faċċata ta' residenza. **Għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandu jiżbor din is-siġra.** | Hales Segretarjat |
| 14. | 2. | 10 | 13.2.15 | Fenech: Ftehim maż-Żejtun Corinthians | Fenech ikkjarifikat li l-ftehim li ġie iffirmat minnha u mis-Sindku maż-Żejtun Corinthians imur lura għal seba' snin ilu. | Sindku |
| 14. | 2. | 11 | 13.3.3 | Viċi-Sindku: Premju Lokalitjiet Indaf | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kienx ikkonfermat l-ammont ta' €100 min-naħa tad-dlg għall-kampanja Żejtun Nadif Għalik u Għalija meta l-wegħda tad-Dipartiment kienet 'l fuq minn €1,000. Is-Segretarju ikkonferma mad-dipartiment li dan l-ammont kien tajjeb. Hawnhekk il-Kunsill wera d-diżapprovazzjoni tiegħu. | Viċi-Sindku |
| 14. | 2. | 12 | 13.3.5 | Sindku: Laqgħa - Link roads Smart City Malta | Is-Sindku iltaqa' ma' rappreżentanti ta' TM dwar il-proġett ta' Smart City Malta, kif iż-Żejtun se jkun affettwat minn dan il-proġett. Is-Sindku għadda lista ta' toroq li se jintużaw fosthom Triq Bormla, Triq A. Cachia Zammit u Triq Labour. Il-Kunsill kellu jirċievi l-minuti ta' din il-laqgħa iżda s'issa għadhom ma waslux. **Għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandu jitlob kopja tal-minuti lis-Sur David Tonna**. | Sindku |
| 14. | 2. | 13 | 13.3.9 | Viċi-Sindku: Dog Trust | Il-Viċi-Sindku għamlet kuntatt mal-persuni nkarigati għall-kampanja Dog Trust. Ser issir attivita' ma' Skola Primarja B fit-28 ta' Ottubru fejn studenti ser ikunu mħeġġa jġibu l-kelb tagħhom għal-mixja madwar iż-Żejtun u jġibu magħhom borża minħabba l-ħmieġ tal-klieb. Din ser issir fid-9.30am. **Il-Kunsill qabel li għandu jagħti bookmark bi slogan b'tema dwar l-ambjent lill-istudenti li jipparteċipaw.** | Viċi-Sindku Camilleri |
| 14. | 2. | 14 | 13.3.10 | Fenech: Problema ta' għargħar fi Triq Orazio Diacono | Fenech staqsiet lill-Kunsill dwar il-progress minħabba l-problema ta' għargħar fi Triq Orazio Diacono. **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Perit.** | Segretarjat |
| 14. | 2. | 15 | 13.5.1 | Viċi-Sindku: Child Day Care Centre | Il-Viċi-Sindku staqsiet fhiex wasal ix-xogħol fic-Child Day Care Centre. Is-Sindku spjega li bħalissa l-plumber jinsab wieqaf. | Sindku |
| 14. | 2. | 16 | 13.9.4 | Fenech: Tumbata fi Triq Xandru Farrugia | Fenech ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li t-tumbata li saret minħabba l-ilma fi Triq Xandru Farrugia diġa' inqalgħet. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 14. | 2. | 17 | 13.9.5 | Sindku: Reserved Parking f'Misrah ir-Repubblika | Is-Sindku informa lill-Kunsill li dal-għodu r-reserved parking ta' Misraħ ir-Repubblika inżebgħet bajda. **Għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandu jsaqsi għalxiex tneħħa dan ir-reserved parking fejn f'Jannar li għadda t-TM staqsiet jekk dan ir-reserved parking għandux permess, liema permess kien ingħata mill-ADT. Camilleri talab sabiex tinġibed l-attenzjoni dwar iz-zebra crossing fi Triq Falkunier quddiem St. Catherine Clinic li ilha tintalab għal żmien twil filwaqt li Fenech talbet għal pelican lights fi Triq Labour.** | Viċi-Sindku Segretarjat |
| 14. | 2. | 18 | 13.9.13 | Fenech: Atti Vandali - Toilets - Ġnien San Girgor | Fenech irrapurtat lill-Kunsill li dak il-ħin li saru l-atti vandali ma kienx waqt it-training u ma kienx hemm coaches. Fenech staqsiet jekk il-Kunsill għandux filmati mill-cameras tas-sigurta' sabiex iż-żgħażagħ jiġu identifikati. Is-Segretarju spjega li l-problemi li kien hemm dwar il-cameras ta' Ġnien San Girgor mal-kumpanija Go baqgħu ma ssolvewx. | |

**14. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML14/10. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 14. | 3. | 1 | 03 | MEPA:PA 4220/10 | **Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA sabiex jinżamm il-karattru ta' l-inħawi peress li dan l-iżvilupp jinsab fil-village core.** | Sindku |
| 14. | 3. | 2 | 21 | Ms Mandy Agius: Sponsorship Ms Żejtun 2010 | Dwar it-talba tas-Sinjorina Agius għal sponsorship għal Miss Malta, il-Kunsill innota li mhiex il-politika tiegħu li jagħti donazzjonijiet u sponsorships. | |
| 14. | 3. | 3 | 24 | Awtorita' tad-Djar: Upgrading works fil-housing estates | Il-Kunsill ġie mistieden jattendi għal-laqgħa li ser issir fl-Awtorita' tad-Djar nhar il-25 ta' Ottubru fin-12.30 dwar xogħol ta' upgrading fil-housing estates. | Sindku Viċi-Sindku |
| 14. | 3. | 4 | 27 | Perit Ruben Abela: Fondazzjoni Wirt Żejtuni | Il-Kunsill laqa' it-talba tal-Perit Ruben Abela sabiex il-laqgħat tal-Fondazzjoni Wirt Żejtuni isiru fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali iżda dejjem jikkordina mas-Sur Seychell. | Seychell Segretarjat |
| 14. | 3. | 5 | 29 | Għaqda tan-Nar: Diżgwid | **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Għaqda tan-Nar li jittama li d-diżġwid li nħoloq bejn l-istess għaqda u l-Arċipriet, jitranġa.** | Segretarjat |
| 14. | 3. | 6 | 32 | Tony Tanti: Kors bażiku fl-astronomija | **Il-Kunsill approva li jsir kors bażiku fl-astronomija u tingħata attenzjoni lid-dati biex ma jaħbtux mal-laqgħat tal-Kunsill jew inkella isiru fis-sala tal-youths@local. Il-kors ser ikunu bla ħlas għa-residenti Żwieten filwaqt li dawk ta' barra ż-Żejtun ser jiġu mitluba jħallsu.** | Fenech |

**14. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 14. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 14/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 14. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 14/10 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 14/10 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 14. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 14/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |

**14. 5. Bring in site Triq Ġiebja Rumana**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 14. 5. 1 | | Sindku: Rapport tax-Xogħlijiet | Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-bring-in site ta' Triq Ġiebja Rumana tlesta. | Sindku |

**14. 6. Dawl fi Triq il-Ħuxlief u Triq Xewk il-Għotba**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 14. 6. 1 | | Sindku: Rapport ta' Xogħlijiet | Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li saru żewġ fanali li kienu ilhom biex isiru fis-sqaq bejn Triq il-Ħuxlief u Triq Xewk il-Għotba. | Sindku |
| 14. 6. 2 | | Sindku: Ilmenti | Is-Sindku rċieva ilmenti mir-residenti li joqgħodu viċin il-Knisja ta' San Girgor dwar atteġjamenti ta' żgħażagħ tul il-weekend. | |
| 14. 6. 3 | | Fenech: Attivita' flimkien mal-Knisja | Fenech infurmat lill-Kunsill li nhar il-31 ta' Ottubru bejn id-9am u l-11.15am ser tittella' attivita' kontra d-droga fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Girgor. **Il-Kunsill qabel ma' din l-attivita' u li jitqassmu bookmarks bħala promozzjoni tal-youths@local**. Dak inhar ukoll ser isir l-aħħar ringrazzjament lil Fr Mario. | Fenech |

**14. 7. Child Day Care Centre**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 14. 7. 1 | | Sindku: Rapport ta' Xogħlijiet fic-Child Day Care Centre | Is-Sindku informa lill-Kunsill li kif jitlesta x-xogħol ta' l-ilma fic-Child Day Care Centre, jitkompla x-xogħol tal-madum. | Sindku |
| 14. 7. 2 | | Sindku: Aċċessibilita' tal-ġonna | Is-Sindku talab lis-Segretarjat jiċċekkja fhiex waslet l-aċċessibilta' tal-ġonna. | Segretarjat |

**14. 8. Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 14. 8. 1 | | Sindku: Kwotazzjonijiet | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill il-kwotazzjonijiet li daħlu għall-provvista ta' kurduna u għal ready mixed concrete. |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 14. 8. 2 | | Sindku: Kwotazzjoni - Kurduna | Daħlet kwotazzjoni waħda għall-provvista ta' kurduna dik ta' Schembri Concrete Blocks għall-prezz ta' €2.20 għal kurduna 25.5cm x 100cm u €2.30 għal kurduna 15cms x 100cms (bullnose). **Il-Kunsill qabel ma' din l-offerta.** | |
| 14. 8. 3 | | Sindku: Kwotazzjoni - Ready Mixed Concrete | Dwar il-kwotazzjonijiet ta' ready mixed concrete, il-Kunsill irċieva żewġ kwotazzjonijiet mingħand Saliba Bros. u Asfaltar Ltd. Il-prezzijiet huma kif ġej: Saliba Bros €60.30 VAT inkluż, immaterjali kemm tkun l-kwantita'. It-trasport inkluż ukoll; l-Asfaltar €57.73 VAT inkluż. Jekk l-ordni tkun inqas minn tliet jardi hemm charge ta' €25 u jekk it-trasport idum fuq il-post iktar minn siegħa hemm charge ta' €25 kull siegħa. **Il-Kunsill qabel li għandu jagħżel l-offerta ta' Saliba Bros.** | |

**14. 9. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 14. 9. 1 | | Viċi-Sindku: Qasam Ta' Ganza | Il-Viċi-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar meters ta' l-ilma li tpoġġew fuq barra mill-Awtorita' tad-Djar fi blokk partikolari f'Qasam ta' Ganza. Ir-residenti qed jitolbu sabiex issir grada tal-ħadid ħalli dawn il-meters ma jkunux milħuqa mill-pedestrians. **Il-Kunsill qabel li għandha tinkiteb ittra lill-Awtorita' tad-Djar bit-talba tar-residenti filwaqt li jsir suġġeriment sabiex il-blokki kollha tal-Gvern jiġu fuq din is-sistema.** | Sindku Viċi-Sindku |
| 14. 9. 2 | | Viċi-Sindku: Żjara mill-President ta' Malta Skola Primarja B | Il-Viċi-Sindku għarrfet lill-Kunsill li l-President ta' Malta ser iżur skola Primarja B fis-17 ta' Novembru. Hawnhekk il-Viċi-Sindku qajjmet il-każ tas-subien ta' year 6 li s-sena d-dieħla ma jafux fejn ser imorru bis-sistema tal-kulleġġi. Il-Kunsill iħoss li għandu jikteb lid-dipartiment ta' l-Edukazzjoni sabiex jiġbed l-attenzjoni u jikseb aktar informazzjoni ħalli il-ġenituri jkunu trankwillizati fuq din is-sitwazzjoni. | Segretarjat |
| 14. 9. 3 | | Viċi-Sindku: Ċitazzjoni | Il-Viċi-Sindku ġabet quddiem il-Kunsill każ ta' persuna li weħħlet ċitazzjoni peress li kienet qed taħsel barra. Il-Kunsill innota li ma jistax jintefa' ilma bis-sapun barra t-triq. Il-Viċi-Sindku innutat li ntefa' kwantita' kbira ta' ilma li beda minn Misraħ Karlu Diacono li saħansitra baqa' nieżel sa Ġebel San Martin mingħajr ma' l-Pulizija ħadet passi. | |
| 14. 9. 4 | | Sindku: Devoluzzjoni ta' propjeta' | **Il-Kunsill qabel nem.con li jitlob devoluzzjoni ta' residenza nru 20 fi Triq San Girgor biet jitkompla ċ-Ċentru Arti u Artiġjanat u kif ukoll jitlob devoluzzjoni ta' plot fi Triq Salvu Cacciattolo k/m Triq Toni Zahra li tmiss mal-5 a-side pitch.** | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 14. | 9. | 5 | Fenech: Festa ta' Halloween | **Il-Kunsill qabel li bħas-sena li għaddiet iż-żgħażagħ ser iħabbtu l-bieb f'Qasam ta' Ganza u minflok ħelu jitolbu bottijiet tal-preserve li din id-darba ser imorru għal Fondazzjoni Suret il-Bniedem.** | Fenech |
| 14. | 9. | 6 | Fenech: Camping | **Il-Kunsill qabel ukoll li jsir camping bejn l-10 u t-13 ta' Diċembru.** | Fenech |
| 14. | 9. | 7 | Fenech: Community Chest Fund | **Il-Kunsill qabel li fil-21 ta' Novembru issir water ballon fight fejn jarma s-Suq. Ser tintalab kontribuzzjoni ta' €4/€5 b'risq il-Community Chest Fund.** | Fenech |
| 14. | 9. | 8 | Sindku: Kontaminazzjoni tal-Ġibjuni | Is-Sindku informa lill-Kunsill li sar xogħol biex l-ġibjun f'Ġebel San Martin jitnaddaf mill-kontiminazzjoni tad-drenaġġ. Għandhom isiru testijiet fuq il-kwalita' ta' l-ilma. Infetaħ ukoll il-kanal f'San Klement. | |
| 14. | 9. | 9 | Fenech: Fiera Inizjattivi Sportivi | Fenech infurmat lill-Kunsill li ser issir il-fiera ta' l-isports fuq jumejn, waħda fit-18 ta' Marzu fejn ser ikunu involuti t-tfal ta' skola primarja B u l-oħra fuq skala akbar fid-19 ta' Marzu. | Fenech |
| 14. | 9. | 10 | Fenech: Bankini fi Triq Lorenzo Gafa' | Fenech talbet sabiex jitranġaw il-bankini fi Triq Lorenzo Gafa'. Is-Sindku spjega li talbiet bħal dawn diġa' saru mill-Viċi-Sindku u Darmanin iżda hemm partijiet fejn l-għetiebi tad-djar huma baxxi wisq iżda nippruvaw li din it-triq tiddaħħal mal-lista tax-xogħlijiet. | Sindku |
| 14. | 9. | 11 | Seychell: Kurduna fi Triq Santu Wistin | **Seychell ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar kurduna sfrundata fi Triq Santu Wistin li tagħmel parti minn drainage manhole.** | |
| 14. | 9. | 12 | Seychell: Wirja Filatelika | Seychell fakkar lill-Kunsilliera dwar il-ftuħ tal-wirja filatelika li ser issir il-Ġimgħa 22 ta' Ottubru. Is-Sindku skuża ruħu li ma setax ikun preżenti minħabba l-laqgħa tas-Sindki. | Seychell |
| 14. | 9. | 13 | Seychell: Parkeġġ 30 minuta fi Vjal 25 ta' Novembru | Seychell staqsa jekk il-parkeġġ ta' 30 minuta fi Vjal 25 ta' Novembru jirrekjediex l-arloġġ. Ir-risposta kien fil-pożittiv. | Darmanin |
| 14. | 9. | 14 | Seychell: Ħofor fi Triq Strejnu | Seychell irrimarka dwar il-leakage ta' ilma li qed ikun hemm ta' spiss fi Triq Strejnu quddiem Sqaq Nru 2 li qed jikkawża ħafna ħofor. | Sindku |
| 14. | 9. | 15 | Seychell: Kamra tal-korsijiet f'San Girgor | Seychell staqsa jekk inkritx il-kamra tal-korsijiet f'San Girgor. Ir-risposta kienet fil-pożittiv. Is-Sindku qal li meta jkun hemm il-kompetizzjoni ta' l-inbid jinstab post alternattiv. | Sindku |
| 14. | 9. | 16 | Camilleri: Road Markings | Camilleri talab sabiex isiru parkings bays fi Triq E. Attard Bezzina, Triq Santa Fawstina, Triq Kapumastru, Triq Arkibużier u Triq Wied il-Għajn. Is-Sindku spjega li minħabba x-xita dawn ma jistgħux isiru għalissa. Nistennew li t-temp jaqleb għall-aħjar. | Darmanin |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 14. | 9. | 17 | Camilleri: Street Lighting ġdid | Camilleri talab lill-Kunsill sabiex japplika għal-linji ġodda ta' l-istreet lighting fi Triq wara Triq Kastellan li tiġi parti minn Triq Falkunier. **Din it-talba ġiet milqugħa.** | Sindku |
| 14. | 9. | 18 | Camilleri: Bozza ġdida fi Triq Hector Dalli | Camilleri staqsa jekk saritx bozza ġdida fi Triq Hector Dalli. Is-Segretarjat ser jikkonferma saritx. | Segretarjat |
| 14. | 9. | 19 | Camilleri: Librerija | Camilleri talab lill-Kunsill jikkunsidra jieħu l-ħamrija ta' quddiem il-librerija sabiex ikun jista' jsir it-taraġ. **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni sabiex isiru l-arranġamenti ħalli l-librerija tibda tiftaħ is-Sibt għal sagħtejn fil-għodu u naraw kemm hi l-ispiża ta' l-attendant.** | Segretarjat |
| 14. | 9. | 20 | Seychell: Triq Dun Spir Grixti | Seychell talab lill-Kunsill sabiex tittieħed azzjoni dwar l-istat ħażin li fiha tinsab parti minn Triq Dun Spir Grixti. | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fl-10.05pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 11 ta' Novembru 2010 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv